Laqgħa tal-Kunsill msejħa b' Urgenza fit-8 ta' Ottubru

Minuti tas-Sbatax (17)il-Laqgħa Msejħa b'Urgenza tas-Seba (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar lt-Tnejn 8 ta' Ottubru 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija

Minuti tal-laqgħa urġenti li nżammgħet nhar it-Tnejn 8 ta' Ottubru 2012.

| | Hin Dħul | Hin Hruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 17.30 hrs | 18.13hrs |
| Is-Sur Alex Bezzina (Viċi-Sindku) | 17.30 hrs | 18.13hrs |
| Il-Perit Graziella Galea | 17.30 hrs | 18.13hrs |
| Is-Sur John Bray | Skużat | |
| Is-Sur Raymond Tabone | Skużat | |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | Skużata | |
| Is-Sur Peter Abela | Skużat | |
| Is-Sur Jason Camilleri | 17.30 hrs | 18.13hrs |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | Skużat | |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 17.30 hrs | 18.13hrs |
| Il-Perit Daniel Grima | 17.45 hrs | 18.13hrs |
| Is-Sna Jane Chircop | 17.42 hrs | 18.13hrs |
| Is-Sur Carmel Hili | 17.40 hrs | 18.13hrs |

Is-segretarju fetaħ il-laqgħa. Din il-laqgħa ssejħet sabiex jiġu aġudikati numru ta' Tenders – 5 tal Miżura 313, u tender tax-xiri tat-tiżjin tal-Milied, kif ukol biex tinħarg talaba għal-kwotazjoni ta' tinda u sigar ghal Milied.

**Mizura 313** -Is-segretarju u s-Sindku spegaw il-ħames tenders tal-Mizura 313. Anne Fenech staqsiet għaliex intalbet tattendi il-ftuħ ta' tenders, il-gimgħa ta' qabel. Is-segretarju spejga li biex jinfetħu tenders u kwottazzjonijiet, żewgt

kunsilliera irridu ikunu preżenti, u għalhekk il-ħaddiema tal-kunsill ċemplu jaraw min kien jista jattendi. Il-ftuħ tat-tenders ma' għandux jitħallat mal-Bord ta' l-Aġudikkazzjoni li irrid jeżamina u jirakomanda liema tenders irridu jintażlu u wara jgħaddi r-raport preparat lill-Kunsill sabiex jidiskutijhom u jappprovhom.

Wara din l-ispegazzjoni, il-kunsill intalab jaċċetta il-ħames tenders tal-Miżura 313. Il-membri kollha qablu ma dak propost mill-bord tal-aġġudikkazzjoni.

**Tender xiri ta' dawl tal-Milied –** Għat-tender tad-dwal tal-milied intefaw 4 offerti, u il Bord ta'l-Adjudikazjoni ssugerixxa li jinxtraw numru ta'dawl min żewgt fornituri, dak tas-Sunsource u dak ta Ace Lights. Saret diskusjoni u spjegazzjoni ta' l-offerti u l-membri kollha preżneti qablu li jinxtraw id-dwal kif propost. Is-sur Salerni ikonferma li nefqa totali għall-Milied għandha tkun ta 40 elf Ewro.

**Kiri ta' Tinda tal-Milied u xiri ta' siġar tal-milied.** Is-Sur Salerno spjega li qed jinżammu taħdidet mat-tlett paroċċi u stiden lil kulhadd jattendi u jġi fl-organizazzjoni tal-attivatijiet tal milied, liema laqgħat qed isiru nhar ta sibt fis siegħa ta' wara nofsinhar. Hemm bżonn li tinħareġ sejħa għal offerti għal kiri ta' tinda, liema tinda tintrama' fil-pjazza ta' Buġibba u taħt issiru numru ta' attivitajiet għal Milied fosthom kant tal-Milied, ġbir ta' fondi u affarijiet għal-familji inqas ixxurtjati u affarijiet oħra.

Jason Camilleri spejga li hemm bżonn jinxtraw 4 sigar tal milied, siġar li jkun kbar u imżejnin bid-dwal LED. Dawn is-siġar ikun artifiċjali u ikunu madwar 3.5m u 4 metri tul. Dawn is-sigar jintramaw fil-lokalita.

Graziella Galea qalet li is-sejħa għal-offerti għandha tkun talimod ' li jkun hemm deskrizjoni ta dak li nixtiequ u ukoll range ta għazla.

Il-membri kollha presenti qablu mal-ħruq ta' żewgt sejħiet. Minħabba iż-żmien dawn ser idumu biss miftuħa għall-10 tijiem.

Il-laqgħa intemmet fit- 18.13hrs.

***Mario Salerno***
***Sindku***

***George Abdilla***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv.***